MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Numru. 211/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann Fenech**

**VS**

**Fabio Vespa, iben Giuseppe u Francesca nee' Fagone, imwieled Catania nhar il-25 ta' Frar, 1984, residenti gewwa numru 7, Via Acquedotto, Palagonia, Provincia di Catania; u/jew numru 12, St Michael, Flat 1, Triq l-Oratorju, Gharghur, u detentur tal-karta tal-identita' numru 38995A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Fabio Vespa** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' Frar, 2012, u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1. Importa jew gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (Qanneb Indjan) f’Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pusess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Artikoli ta’ qabel ta’ dan is-sub-titolu bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. U aktar talli ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmi fl-Artikoli ta’ qabel ta’ dan it-Titolu, bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. U aktar talli ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’karta ta’ identita’ Taljana b’numru AM9279263 f’isem Michele Vespa, jew ghamel uzu jew kien fil-pussess ta’ dan id-dokument li hu jaf illi kien iffalsifikat, mibdul jew li sar xi tibdil fuqu, u dan bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. U aktar talli giehgel li jinghata xi prospett falz, jew dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 32(1c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll il-Kontro Ordni mibghuta mill-Avukat Generali; flimkien mal-Artikoli li taghhom hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':

a. Fl-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikolu 321(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta'Malta;
g. Fl-Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat il-provi kollha prodotti.

Fl-ewwel lok jinghad illi fattispecie ta' din il-kawza hija t-trovata fuq il-persuna tal-akkuzat u l-bagalji tieghu – minn tali search mill-bagalja rrizulta li fiha kien hemm zewg(2) pakketti tal-kartun ahdar u kellhom fihom kull wiehed hamsa u ghoxrin (25) zerriegha tal-cannabis – allura total ta' hamsin(5) zerriegha. Ipprezenta wkoll l-imputat karta tal-identita' Taljana li kienet tghajjat lil certu Michele Vespa, pero bir-ritratt tal-imputat, fil-fatt kellha skont ix-xhieda prodotta zewg (2) ritratti fuq xulxin.

Dan xehduh kemm ufficjali tad-Dwana bhal Jesmond Vella, u ufficjali tal-pulizija hbal PC 579 Antoine Micallef u PC 923 Pier Guido Saliba. Dawn il-pakketti kienu fil-fatt, kif anke rrizulta mill-kontro ezami, misjuba fil-bagalja tal-imputat go envelope kannella, u skont kif xehed l-

imsemmi Jesmond Vella, dawn ma kinux kif is-soltu jista' jirrizulta mohbija, imma go envelope padded. Dan iz-zerriegha kienet mal-hwejjeg.

Saret fuq tali trovata Inkjesta Magisterjali. Gew ghalhekk fl-atti tal-kumpilazzjoni ezebiti sett ritratti tal-affarijiet maqbuda minn PS 1184 Patrick Grech, Dok PG folio 77 et seq; ir-relazzjoni tal-espert tekniku Dr S Farrugia Sacco a folio 141; u dik tal-analista Godwin Sammut Dok GS folio 56.

Ikkonkluda hekk l-istess Godwin Sammut:

a. *Illi mill-analizi li saret fuq iz-zerriegha li kien hemm fid-dokument 049_12_01 irrizulta li 20 minn 20 zerriegha kienu germinabbli (1000% germinabbli). Iz-zerriegha tal-Kannabis huma kkontrollati taht Taqsima III tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*
b. *Illi fuq estratti mehuda mill-pjanti mehuda at random mid-dokument 049_12_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta*.

Saljenti wkoll dik il-parti tar-relazzjoni tieghu, fejn stabilixxa l-germinazzjoni fi zmien ghoxrin(20) gurnata, folio 62 – 63.

Rat ukoll ir-relazzjoni prezentata mill-espert tekniku Dr Martin Bajada fuq l-inkarigu tieghu li jaghtiha nformazzjoni dwar il-website www.seniseeds.com, ezebita bhala Dok MB.

L-imputat minn naha tieghu, moghti anke d-dritt tal-assistenza tal-avukat – li hu rrifjuta, ghazel illi jirrilaxxa stqarrija; kif ukoll li aktar tard jixhed quddiem din il-Qorti viva voce.

Fl-istqarrija spjega li hu verament fil-bagalja kellu z-zerriegha tal-marijuana. Mistoqsi jekk dawn kinux tali li jiggerminaw, wiegeb illi ma kinx jaf, imma kien jahseb illi iva. Xtrahom minn kumpanija Olandiza bl-isem ta'

Sensiseeds, sit fuq l-internet. Qal illi xtrahom ghall-kollezzjoni u li nefaq fuqhom €252. Qal ukoll illi minn dawn xtara hamsin (50) wahda. Spjega li Malta kien gie gimgha vaganza, dan ghax Malta anke anke kellu huh jghix il-Gharghur. Qal ukoll illi l-ahhar li gie Malta kien sena ilu u anke li kellu tfajla, certu Lydia, tghix gewwa Hal Tarxien.

Mistoqsi x'xoghol kien jaghmel, wiegeb fl-agrikoltura ma' missieru.

Mistoqsi ghalfejn gab Malta din iz-zerriegha, wiegeb biex ihallieha hawn ghax fi zmien tlitt xhur kellu ntenzjoni jigi jghix Malta ghal dejjem. Qal ukoll illi hu ma kinx jikkonsma droga, u anke li kienet l-ewwel darba li xtara tali zerriegha ghax kien iddecieda li jibda jikkollezzjonaha.

Innega li hu mporta din iz-zerriegha biex jikkultivaha. Innega li gab din iz-zerriegha biex jispacca l-istess. Mistoqsi jekk allura ma kellux intenzjoni li jikkoltiva l-istess pjanta gialadarba xtara zerriegha femminili, qal illi fuq is-sit tal-internet dehru biss dawn. Mistoqsi gialadarba jahdem fl-agrikoltura kif ma kinx jaf illi seta' minn din iz-zerriegha jikkoltiva l-marijuana, wiegeb illi hu kien jahdem fil-gbir tal-laring.

Mistoqsi ghala gia Malta bl-uzu ta' karta ta' identita' ta' huh, pero bir-ritratt tieghu, wiegeb illi hu kien akkuzat fl-Italja bir-reat ta' ricettazzjoni u kien bil-bail. Accetta li allura kiser il-kundizzjonijiet tal-istess.

Fix-xhieda tieghu viva voce, qal illi l-ahhar li kien gie Malta kien meta t-tfajla Maltija tieghu, Lydia, kienet tqila u li din spiccat li tilfet it-tarbija minhabba l-lontananza tieghu. Kien ghalhekk qal illi hu uza l-karta tal-identita' ta' huh billi jaghmel ir-ritratt tieghu, dan ukoll ghaliex hu ma setax jitlaq mill-pajjiz, cioe' mill-Italja, ghaliex kellu kawza ta' ricettazzjoni ta' mutur.

Rega' qal illi kien xtara z-zerriegha bil-VISA tieghu tramite l-internet mill-Olanda, irceviehom Sqallija bil-posta u nizzilhom Malta gol-bagalja tieghu, skondtu mitfughin qalb il-hwejjeg tieghu.

Mitlub jaghti spjegazzjoni talli xtara dawn, wiegeb illi dan ghamlu biex jaghmel kollezzjoni. Qal illi ma kinx jaf illi dan f'Malta kien illegali u xi haga gravi, ghax kieku kien jahbihom u mhux jitfaghhom fil-bagalja kif tefaghhom. Qal illi hu dejjem hadem, tant illi hawn Malta kien beda business fil-frott u kien bi hsiebu jkompli fl-istess. Zied illi b'din il-kollezzjoni kien qal lill-Ispettur a tempo vergine.

In kontro ezami nsista li meta xtara z-zerriegha hu ma kinx jaf illi din kienet germinabbli. Fetah is-site, qabad u xtrahom. Ikkonferma pero li kien jaf illi dawn kienu "female seeds" ghax din l-informazzjoni kienet fl-ewwel pagna tas-sit. Ezebixxa wkoll visiting card, Dok FV, minn fejn kien anke xtara minn gewwa Catania, allura wiegeb illi din ma kinitx l-ewwel darba li xtara dawn (dan kontrarjament ghal dak illi kien qal fl-istqarrija).

Mistoqsi issa jekk allura kinx jaf illi z-zerriegha femminili kienet, jekk ikkultivata, tikber, wiegeb illi hu ma kinx jaf "*…….jekk jghixux jew le.*" Li kien jaf kien illi kellhom jibqghu kollha fil-pakketti u li ma kellux juzahom ghal haga ohra. Ikkonferma li hu ma kinx jaf jikkoltiva din iz-zerriegha (folio 248).

Mistoqsi "*…..pero int kont taf illi jikbru jigifieri?*", wiegeb "*Ma nafx jekk tistax tikber jew le, kull seed titla' pjanta imma jekk tikbirx iva jew le ma nafx.*" (folio 249).

Ikkonsidrat:

Illi bla dubbju ta' xejn, irrizultaw bhala fatti:
Illi l-imputat dahal f'Malta bl-uzu ta' karta tal-identita' ta' huh illi fuqha kellu ritratt tieghu.
Ammetta hu viva voce li pogga fuq il-karta tal-identita' ta' huh, ir-ritratt tieghu biex allura jkun jista' jigi Malta jzur lil huh. Din kienet karta tal-identita' Taljana.

Illi rrizulta wkoll illi Vespa mporta Malta hamsin zerriegha ta' Cannabis - dan ukoll gie ammess.

Illi li jibqa’ biex jigi determinat minn din il-Qorti fil-verita’, hija l-intenzjoni li biha Vespa mporta tali zerriegha. Certament, il-pussess zgur illi mhux kontestat.

Issa l-Qorti, f’dan ir-rigward, rat ukoll l-Artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Proviso tal-istess li jghid:

“*(1B) Għall-finijiet ta’ din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b’riferenza għal traffikar f’mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f’dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinitx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta’ informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta’ tali mediċina bi ksur ta’ din l-Ordinanza:*
*Iżda dil-każ ta’ importazzjoni f’dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation kif ukoll l-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, ma jgħoddux.*”

Certament allura, mill-kelma tal-Ligi, hemm distinzjoni bejn dak illi hu r-reat ta’ mportazzjoni ghal koltivazzjoni bl-intenzjoni ta’ spacc, u dik illi hi mportazzjoni ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat.

Issa hawn l-akkuzat qed jistieden lill-Qorti takkolji t-tezi tieghu, illi hu mporta z-zerriegha f’Pajjizna biss ghall-uzu personali tieghu, uzu fil-kaz tieghu limitat ghall-kollezzjoni tal-istess, ghax jinnega l-uzu personali tad-droga.

Issa, harsa lejn il-provi prodotti, jirrizulta wkoll illi l-imputat qal viva voce illi hu kien gia’ xtara zerriegha ohra qabel, pero hawn Malta jidher illi gab biss dawn iz-zewg pakketti. Jghid illi hu ma kinx jaf illi din iz-zerriegha tal-cannabis - zerriegha femminili, setghet tiggermina, anzi jghid ukoll illi ma kinx jaf jikkoltiva l-istess.

Issa, harsa lejn il-pakketti minnu mportati, il-brochure taghhom u s-sit stess minn fejn hu jghid illi xtara dawn ex admissis, vide allura Dok MB u Dok PG (ibid), certament imeru dan!! Wiehed ifakkar ukoll illi l-imputat ex admissis huwa bniedem illi jahdem fl-agrikoltura, anke jekk biss jigbor il-laring, certament jaf ir-rizultat naturali ta' zerriegha femminili!!

Illi oltre dan kollu, ma tistax il-Qorti ma tikkummentax illi ssib ftit fjakka l-iskuza li din iz-zerriegha nxtrat ghall-kollezzjoni – anke zerriegha, wara certu zmien, tispicca deterjorata!

Illi l-imputat minn jeddu qal illi hu ma kellu ebda vizzju ta' droga, u lanqas kien jikkonsma xi sustanza llegali – ghalhekk il-Qorti, darba li tiskarta tali vizzji, ikollha tiskarta l-importazzjoni ghall-uzu personali, cioe' ghall-eventali konsum personali, ghalhekk issib htija taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-ewwel zewg akkuzi.

Illi kumment iehor illi trid taghmel il-Qorti, huwa li bla dubbju ta' xejn, il-karta tal-identita' li uza, jew ahjar oltera u uza l-imputat, hija verament wahda Taljana. Dan mhux kontestat. Lanqas ma jista' jigi kontestat, illi tali karta tal-identita', anke jekk wahda estera, hija dokument pubbliku, u stante dak illi qal hu stess – illi uza dik ta' huh, karta tal-identita' awtentika. Kontrarjament ghat-tezi tad-Difiza, anke att pubbliku barrani (bhal dokument bankarju per ezempju), jaqa' fl-iskop tal-Ligi Maltija. Il-Qorti hawn tippunixxi tbaghbis u uzu tal-istess, irrelevanti minn nazzjonalita' tad-dokument in kwistjoni. Il-gurisdizzjoni tal-Qorti hija fuq ir-reat kommess f'Malta mhux fuq id-dokument innifsu. Ghalhekk, bl-uzu ta' tali karta tal-identita' kif minnu alterata, l-imputat ghamel dikjarazzjoni falza billi ddikkjara, billi wera, tali dokument bhala wiehed mahrug a favuru ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Pero l-Qorti hija tal-fehma li tali falsifikazzjoni ma taqax fl-ambitu tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront tal-akkuzi taht l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hawn taghmel referenza ghall-Artikolu 2 tal-imsemmi Kapitolu, illi jiddefinixxi "passaport" bhala:

" *"passaport" tinkludi ċertifikat tal-identità, dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ minn awtorità kompetenti għal skopijiet ta' vjaġġar;*"

Ghaldaqstant certament karta ta' identita' uzuta mill-imputat biex jivvjagga biha ghal Mlata, taqa' taht tali definizzjoni, ghax anke harsa lejha turi li hija wahda solitament mahruga mill-awtoritajiet kompetenti Taljani.

Rat ukoll il-Qorti l-Artikolu 32(1c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu ghall-akkuza hekk dedotta. Ikkonsidrat dak gia' premess, u cioe' illi l-imputat pprezenta karta tal-identita' falza, allura u certament kien qieghed joffri lill-ufficjali tad-Dwana u l-pulizija, taghrif falz u ssibu anke hati tal-istess.
Anke f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghad-definizzjoni moghtija tal-kelma "passaport" taht l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta in ezami.

In vista' ta' dak premess, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **<u>Fabio Vespa</u>** hati tal-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 8, 22, 22(1B), 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll l-Artikolu 32(1c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tilliberah mir-reati kkontemplati taht l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-ragunijiet gia' premessi; kif ukoll mir-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu alternattiv ghal dak misjub fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkonsidrat il-fedina penali netta tal-

imputat, u qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn(2) u ghal multa ta' €5,000.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €1,185.25 fi zmien gimgha mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------